

- punt 68, peress li meta naqset milli twettaq l-obbligu tagħha, taħt l-Artikolu 36(1) u (2) tal-Att ta' Adeżjoni, li tiżgura li l-Kroazja tosserva l-impenji tagħha relatati mal-bidu tal-attività ta' aċenti pubbliċi ta' eżekuzzjoni, mill-1 ta' Jannar 2012, il-Kummissjoni naqset ukoll milli twettaq l-obbligu tagħha li tiżgura, konformement mal-Artikolu 17 TUE, l-applikazzjoni tat-Trattat ta' Adeżjoni li huwa wieħed mit-trattati bażiċi tal-Unjoni;
- punti 69 sa 82, peress li azzjonijiet konkordanti u espliċiti ulterjuri tal-Kummissjoni ma kinux meħtieġa sabiex jinħolqu aspettattivi leġittimi fl-appellant wara d-9 ta' Diċembru 2011, peress li, f'dan il-każ, l-aspettattivi leġittimi tal-appellant bdew qabel din id-data.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supremo Tribunal de Justiça (il-Portugall) fis-27 ta' April 2016 – José Rui Garrett Pontes Pedroso vs Netjets Management Limited

(Kawża C-242/16)

(2016/C 251/17)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Supremo Tribunal de Justiça

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: José Rui Garrett Pontes Pedroso

Konvenuta: Netjets Management Limited

Domandi preliminari

1) Fil-kuntest fattwali tal-kawża inkwistjoni – il-ħaddiem huwa pilota tal-avjazzjoni ċivili u l-attività mwettqa minnu, fil-qafas tal-kuntratt tax-xogħol tiegħu, jinkludi l-ispazju tal-ajru Ewropew kollu –, id-determinazzjoni tal-“post fejn l-impjegat abitwalment iwettaq ix-xogħol tiegħu” u/jew tal-“aħħar post fejn kien jagħmel hekk”, fis-sens al-Artikolu 19(2) (a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 ⁽¹⁾, tat-22 ta' Diċembru 2000, tinsab ippreġudikata?

2) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv, jiġifieri, jekk din id-determinazzjoni ma tirriżultax li tiġi ppreġudikata:

- i) Il-“post fejn l-impjegat abitwalment iwettaq ix-xogħol tiegħu”, fis-sens tal-imsemmija regola tad-dritt Komunitarju, għandha jew tista' tiġi interpretata fis-sens li huwa l-post tal-ajruport fejn il-mezz tal-ajru huwa stazzjonat li għandu jiġi mtajjar mill-ħaddiem, li jagħti bidu għall-vjaġġ li bih jibda jwettaq il-funzjonijiet tiegħu?

U/jew għandu/jista' jiġi interpretat fis-sens li jikkorrispondi għall-post li l-partijiet jistabbilixxu bħala gateway airport (ajruport tad-dħul), li minnu l-ħaddiem ġie ttrasportat lejn l-ajruport fejn kien stazzjonat il-mezz tal-ajru li kellu jtajjar, u li lejh sussegwentement daħal lura?

U/jew għandu/jista' jkun il-post fejn saret ir-reġistrazzjoni tal-mezzi tal-ajru mtajjra mill-ħaddiem?

U/jew għandu/jista' jkun il-post minn fejn il-ħaddiem irċieva l-istruzzjonijiet, il-komunikazzjonijiet u l-informazzjoni dwar l-operazzjonijiet tat-titjir, l-aspetti varji tar-relazzjoni professjonali tiegħu mal-konvenuta u l-proċedura li temmet ir-relazzjoni?

- ii) L-“aħħar post fejn kien jagħmel hekk”, fis-sens tal-imsemmija regola tad-dritt Komunitarju, għandha jew tista' tiġi interpretata fis-sens li huwa l-post tal-ajruport fejn il-mezz tal-ajru huwa stazzjonat li l-ħaddiem tajjar għall-aħħar darba qabel ma ġie tterminat il-kuntratt tax-xogħol tiegħu?

Jew preċedentement għandu/jista' jiġi interpretat fis-sens li jikkorrispondi għal dak li l-partijiet jistabbilixxu bħala gateway airport (ajruport tad-dħul), li minnu l-ħaddiem ġie ttrasportat, għall-aħħar darba qabel it-trasferiment tal-kuntratt tax-xogħol tiegħu, lejn l-ajruport fejn kien stazzjonat il-mezz tal-ajru li kellu jtajjar, u li lejha sussegwentement daħal lura?

- 3) Fil-kuntest fattwali tal-kawża inkwistjoni, l-espressjoni "post fejn ikun jinstab in-negozju li kien jimpjega lill-impjegat" fis-sens tal-Artikolu 19(2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, jista' jiġi interpretat fis-sens ta' "ċentru operattiv" tal-impriża li titniżżel bħala l-persuna li timpjega fil-kuntratt tax-xogħol magħmul mal-ħaddiem, fejn iseħħ il-proċess ta' reklutaġġ tal-piloti (permezz tar-riċeviment u tal-ipproċessar tal-kandidaturi rispettivi) u fejn dawn jirċievu t-taħriġ inizjali u komplimentari, anki meta l-imsemmi "ċentru operattiv" jopera u jkun ibbażat f'impriża oħra, ġuridikament awtonoma mill-ewwel impriża, minkejja li t-tnejn jappartjenu għall-istess grupp ekonomiku?
- 4) Fil-kuntest fattwali tal-kawża inkwistjoni, l-espressjonijiet "ċentru amministrattiv" jew "post prinċipali tan-negozju" fis-sens tal-Artikolu 60(1)(b) u (c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, jistgħu jiġu interpretati fis-sens ta' "ċentru operattiv" tal-impriża li titniżżel bħala l-persuna li timpjega fil-kuntratt tax-xogħol magħmul mal-ħaddiem, minn fejn l-operazzjonijiet min-naħa tagħha huma kkontrollati (mill-verifika tal-manutenzjoni, tal-operazzjonijiet ta' titjir u tal-programmazzjoni tat-titjiriet; l-operazzjoni, il-manutenzjoni u l-attivitatijiet ta' titjir tal-mezzi tal-ajru u saħansitra l-operazzjonijiet tal-art u catering) u li minnha l-istruzzjonijiet kollha huma diretti lill-piloti, minn fejn dawn jirċievu t-taħriġ inizjali u komplimentari, huma ġestiti l-kwistjonijiet tar-riżorsi umani u jitmexxew il-laqgħat dixxiplinari jew ilmenti, anki meta l-imsemmi "ċentru operattiv" jopera u jkun ibbażat f'impriża oħra, ġuridikament awtonoma mill-ewwel impriża, minkejja li t-tnejn jappartjenu għall-istess grupp ekonomiku?
- 5) Fid-dawl tal-premessa 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, li fih huwa previst li fir-rigward tal-kuntratti ta' assigurazzjoni, ta' konsum u ta' xogħol, huwa opportun li tiġi protetta l-iktar parti debboli permezz ta' regoli ta' kompetenza iżjed favorevoli għall-interessi tagħha milli għar-regola ġenerali, l-imsemmi Artikolu 19(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, għandu jiġi interpretat b'mod iktar favorevoli għall-ħaddiem?

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonossiment u eżekuzzjoni ta' sentenzi fmaterji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42).

**Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-København Byret (id-Danimarka) fit-2 ta' Mejju 2016 –
Anklagemyndigheden vs Bent Falbert, Poul Madsen, JP/Politikens Hus A/S**

(Kawża C-255/16)

(2016/C 251/18)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

Qorti tar-rinviju

København Byret

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Anklagemyndigheden

Konvenuti: Bent Falbert, Poul Madsen, JP/Politikens Hus A/S